**16 ta' Lulju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Zahra

**Lokazzjoni — "Ragion Fattasi".**

*Jekk ir-raġel f'kkonsenja lil sid il-kera tiegħu ċ-ċwievet tal-fond mikri għandu, imma fil-fatt mart dak ir-raġel tibqa' tokkupa l-post, sid il-kera jikkommetti r-reat ta' "ragion fattasi" jekk huwa, biex jieħu pussess tal-fond, imur f'l-fond u joħroġ barra fit-triq il-ħwejjeġ ta' dik il-mara u l-oġġetti l-oħra li hija kellha fil-post.*

*Għax f'dan l-għemil hemm il-fatt ta' min, b'ex jeżerċita dritt li jippretendi li kellu fuq il-post wara l-konsenja lilu taċ-ċwievet mill-lokatarju, minflok irrikorra, meta seta', għattribunali, bla jedd ħa l-liġi f'idejh, u hekk ikkommetta l-imsemmi reat.*

*Għall-finijiet ta' dan ir-reat il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' George Zahra, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Ġunju 1958, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie misjub ħati li, mingħajr ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Antonia Chircop fil-pussess ta' ħwejjiġha, u ġie kundannat għall-multa ta' £10; b'xahar żmien biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 10s. kulljum f'każ ta' nuqqas;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Ir-raġel ta' Antonia Chircop ikkonsenja lill-imputat,

sid il-kera, iċ-ċwievet tal-fond 95 Don *Mario Street, Qormi*. Erbgħa tijiem wara, l-imputat, meta l-fond kien għadu okkupat mill-imsemmija Chircop, mar fil-fond u ħarġilha fit-trieq il-ħwejjeġ u l-oġġetti l-oħra li hi kellha fil-post, u anki biddel is-serratura tal-*bieb* ta' barra;

Jinżel mill-premess li l-imputat, biex jeżerċita d-dritt li jippretendi li kellu fuq il-post wara l-konsenja taċ-ċwievet mill-lokatarju, flok irrikorra, meta seta', għat-tribunali, bla jedd ħa l-liġi f'idejh, u hekk *ikkommetta* r-reat imputat lilu. Għall-finijiet ta' *dan ir-reat il-pussess* materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi;

Għal dawn il-motivi;

**Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**